**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' April 2016**

Rikors Guramentat Nru. 176 / 13RGM

Kawza fil-lista: 7

**T V**
**vs**
**L-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Madeline Firman permezz ta' digriet datat 1 ta' Lulju 2014 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti J X W**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fit-2 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet zzewgu nhar is-16 ta' Frar, 2008 fir-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u dan kif jirrizulta mill-vera kopja tal-Art taz-Zwieg;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet ossija ta' wahda mill-partijiet ghaz-zwieg imsemmi, kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ossija ta' wahda mill-partijiet, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi J X W telqet minn Malta zmien ilu u l-esponenti ma jafx fejn qeghdha tirrisjedi ghajr li qeghdha tghix fir-Russja;

Illi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Tghid ghalhekk il-konvenuta intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat nhar id-9 ta' Lulju, 1989 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-Artikoli 19 (1) (d), (f), tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u ghalhekk tordna li ssir 1-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi ppresentata fit-2 ta’ Settembru 2014 li ddikjaraw li huma m’humhiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz li jigu edotti mill-fatti.

Rat l-affidavit tal-attur anness ma’ nota pprezentata fil-25 ta’ Awissu 2014;

Rat l-affidavit ta’ Rose V, omm l-attur, anness ma’ nota ppresentata fil-11 ta’ Frar 2015;

Rat in-nota tal-kuraturi ppresentata fid-19 ta’ Frar 2015, li maghha giet annessa l-ittra tal-kuraturi lill-konvenuta;

Rat in-nota tal-kuraturi ppresentata fis-16 ta’ Marzu 2015, li maghha giet annessa l-ittra mibghuta lill-konvenuta li giet lilhom ritornata u ma gietx konsenjata;

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L-attur , fl-affidavit tieghu, Fol 27, ddikjara li ltaqa' mal-konvenuta f'Malta f'Lulju 2005 meta hu kellu 20 sena u hi kellha 16 il-sena. Hi kienet giet Malta ghal hmistax biex isegwi kors fil-lingwa ingliza, u hu ltaqa' maghha ftit qabel kellha tirritorna, ghamlu xi hames tijiem jiltaqghu bhala hbieb. Hi marret lura r-Russja izda zammew kuntatt bil-messaggi fuq il-mobile. Qaltlu li kienet regghat gejja Malta fis-sajf u stiednitu biex jmur ghandha r-Russja. Hu mar ghall-hmistax f'Marzu tas-sena 2006. Meta kien hemm saru jafu aktar lil xulxin, u meta giet Malta marret tghix ghand il-genituri tieghu, u wara krew post u marru jghixu flimkien Bugibba u l-genituri taghha kienu jibghathulha xi flus li kienu jonfqu ghall-kera. Hi ma kienitx tahdem f'Malta, ghamlet kors ta' *hairdressing* u kellha Visa ghall-sena, meta din ghalqet kellha Visa ghal tlett xhur, u wara bdiet tinghata Visa ghall-hmistax biss. Darba waqt li kien fuq ix-xoghol, hu jahdem ta' sprayer, cemplitlu tibki u qaltlu li tawha gimgha zmien biex tmur lura r-Russja. Peress li kien ilhom flimkien xi sena u nofs u r-relazzjoni taghhom kienet tajba ddecidew li jizzewwgu. Dan kien fi Frar 2008. Finanzjarjament ma kienux f'posizzjoni li jizzewwgu, tawhom il-flus il-genituri taghhom, u ghamlu biss ikla bejniethom. Hi riedet tfal mill-ewwel filwaqt li hu xtaq li jistennew xi sentejn billi kienu ghadhom zghar u hu biss kien jahdem. Xi sitt xhur wara li zzewwgu, hi regghet insistiet fuq il-kwistjoni tat-tfal, u hu mill-banda l-ohra baqa' jsostni li kien ahjar li jistennew ghal xi sentejn qabel jibdew jahsbu ghat-tfal. Il-konvenuta ma qablitx ma' din il-posizzjoni u ghalhekk saret nervuza, u meta kien jmur lura d-dar kien dejjem isibha fuq il-laptop, kienet tghid li kienet qed ticcettja ma' ohtha. Wara bdiet tilmenta li kienet *homesick* u bdiet thoss il-mankanza tal-membri tal-familja taghha. Bdiet titraskura l-indafa u t-tisjir fid-dar, tant li l-attur beda jaghmel dan ix-xoghol hu stess. Darba qaltlu li la hu ma riedx tfal minnha, l-anqas hi ma riedet, qalet li xebghet minn  Malta u riedet tmur lura r-Russja ghand il-familja taghha. Hi nbiddlet hafna fl-atteggjament taghha, kienet dejjem titfa il-botti li kienet iddejqet mieghu, kien jsibha tibki meta kien jigi lura mix-xoghol izda meta kien jistaqsiha x'kienet ir-raguni, qatt ma kienet tghidlu xejn. Hu pprova jirranga s-sitwazzjoni billi kien mdejjaq li hi xtaqhet tmur lura.

F'Settembru 2008 marret lura ir-Russja, qaltlu li kienet ser tiehu 'break' u tirritorna ghall-Milied, pero' hadet l-effetti personali kollha taghha u baqghet ma rritornatx. Hu pprova jaghmel kuntatt maghha diversi drabi izda qatt ma rrispondietu, darba rrisponda ragel li qallu biex ma jaghmilx kuntatt maghha billi kienu f'relazzjoni. Xi sentejn u nofs qabel ipprezenta l-affidavit, cioe' f'nofs it-2011 ra ritratt taghha fuq facebook bil-libsa tat-tieg, qaltlu li regghet izzewwget fir-Russja, kellha tifla u kienet qed tistenna tarbija ohra.

Hi ghamlet kuntatt mieghu f'dak iz-zmien ghax taf li kien f'relazzjoni ohra u ma kienx ser ihoss xejn ghaliha. Qaltlu li meta zzewwgitu ghamlet zball billi kienet ghadha zghira, u wara din l-okkazzjoni qatt ma tkellmu u ma jafx x'sar minnha.

Rose V, omm l-attur, fl-affidavit taghha, Fol 46. ddikjarat li saret taf li binha kellu relazzjoni mal-konvenuta fi Frar jew Marzu 2006 meta hu kien qalilha li ltaqa' maghha f'Malta u kien sejjer ghandha fir-Russja ghall-vakanza. Meta gie lura qalilha li l-konvenuta kienet gejja Malta u hi accettat li jghixu ghandha fil-flat li kienet tikri f'Bugibba. Damu xi ftit xhur jghixu maghha u ma' bintha Sharon u wara krew flat f'Bugibba ukoll u marru jghixu hemm. Ir-relazzjoni bejniethom kienet wahda tajba. Wara li l-konvenuta kienet ilha xi sena Malta, marret biex iggedded il-Visa izda din giet mgedda ghal-tlett xhur biss, u meta ghalqet geddewilha ghal hmistax biss. Kienet marret ghandha tikbi ghax kienet ser titkecca, u ma rieditx titlaq ghax kienet thobb lil binha. Marret l-Immigration il-Belt mat-tifel u id-Depot, biex isibu mezz kif tibqa' Malta izda ma sabux soluzzjoni. Hi kienet issuggerit li kien ahjar titlaq u terga tigi milli jsir kollox bil-genn, izda huma t-tnejn ma riedux u billi kienu jinhabbu riedu jizzewwgu. Hekk ghamlu, baqghu fl-istess post li kienu jikkru f'Bugibba, hi qatt ma hadmet, kien jaghmel kollox hu anke jekk kien daqxejn maghfus. Dik is-sena stess kif spicca s-sajf il-konvenuta kienet marret ghandha tibki u qaltilha li kienet ser titlaq minn Malta billi ma kienitx ghadha thobb lil T. Qaltilha ukoll li kienet *homesick* u xtaqet tirritorna r-Russja hdejn il-genituri taghha. Hi u T wassluha l-airport, hadet kollox maghha, T qalilha li l-konvenuta kienet sejra ghall-break, hi ghalhekk qaltlu x'kienet qalet lilha u hu rrisponda li ma seta' jaghmel xejn billi ma setghax izommha f'Malta. Fl-airport deheret kuntenta li kienet ser tmur lura d-dar u skond l-omm 'sfurzat biex tbusu' lill-binha.

Binha,l-attur kien iddispjecut li telqet, ddikjara lill-ommu li kien jhobbha u li ma xtaqhiex titlaq.

Hi kkonfermat li binha kien qalilha li l-konvenuta riedet it-tfal, u hu ma riedx f'dak iz-zmien billi finanzjarjament ma kienx komdu. Darba binha cempel lill-konvenuta, rrisponda ragel li qallu li Jane kienet mieghu u biex ma jcempilx aktar. Binha kien qal lil ommu li dik kienet ir-raguni ghalhiex riedet titlaq. Fis-sena 2012 binha uriha konversazzjoni fuq facebook li kellu mal-konvenuta, fejn qaltlu li kienet mizzewwga, kellha tifla u kienet regghet tqila. Dan kien l-ahhar kuntatt bejniethom u illum binha T m'ghandhux idea fejn qed toqghod.

Il-konvenuti kuraturi , b'nota ppresentata fid-16 ta' Marzu 2015 annettew ittra indirizzata lill-konvenuta f'indirizz fir-Russja li pero' ma gietx ikkonsenjatha u giet ritornata lill-mittenti.

B'verbal regisrat fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2015, l-attur inghata xahrejn zmien ghall-prezentata ta' nota tal-osservazzjonijiet, u il-kuraturi nghataw xaharejn zmien ghan-nota responsiva, pero' l-ebda parti ma pprezentat nota ta' sottomissjonijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta ccelebrat fis-16 ta' Frar 2008 jigi dikjarat null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi skond l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal. Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jitlob ukoll li l-Qorti tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Il-konvenuta hi assenti minn Malta u l-kuraturi, ghalkemm ipprovaw, ma rrnexxhielhomx jikkommunikaw maghha.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet ltaqghu fit-2005 meta l-attur kellu 20 sena u l-konvenuta kellha 16 il-sena, izzewgu fi Frar 2008 billi kienet ser tiskadilha il-Visa, u f'Settembru tal-istess sena, 2008, telqet lura ir-Russja permanentement. Skond l-attur hi xtaqhet it-tfal mill-ewwel, hu ma qabilx minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja, issuggerixxa li jistennew sentejn, izda hi ma qablitx, biddlet kompletament l-atteggjament taghha fil-konfront tal-attur, ittraskurat id-dar u lilu, dejjem fuq il-laptop 'chatting' u telqet u ma rritornatx.

Mid-dokument anness mal-affidavit tal-attur, Fol.31. datat 4 ta' Awissu 2014 jirrizulta li llum il-konvenuta hi mizzewga ma' terza persuna bl-isem Sergey Zahvatkin.

Ikkunsidrat;

Il-Qrati taghna dejjem qiesu l-istitut taz-zwieg bhala wiehed ta' ordni pubbliku u bhala tali jinhtieg is-salvagwardji necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni giudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewwgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-giudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 fl-ismijiet "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" ntqal hekk:

"F'materja taz-zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirripeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta'

kreditu likwidu jew reponsabilita' ta kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien taz-zwieg jiddecidu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malghajr din id-diskrezzjoni u jsiru mature. Fejn jirrizzultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan m'ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor."

Skond il-kawzali tar-rikors promotur jirrizulta illi l-attur qed isejjes l-azzjoni minnu promossa fuq l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 li jghid hekk:

"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjonijiet ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

-ommissis-

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

-ommissis-

(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."

Jigi rilevat li kif gie ripetutament ritenut mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament taz-zwieg imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (d) u fuq is-sub-inciz (1) (f) tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm tali kontradizzjoni ma twassalx ghan-nullita' tal-att, iz-zewg kawzali flimkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

Fil-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Zammit** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2006 ntqal hekk;

"Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett jkun jirrizulta jkun mehtieg li jigi ppruvat soddisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta' ta dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita' taz-zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni propjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita' taz-zwieg

minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' giudizzju. L-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' giudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrefletti filwaqt li l-kawzali ta' simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita'intellettwali, propju l-att pozittiv ta' volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."

Fil-kawza fl-ismijiet"**Al Chahid vs Mary Spiteri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002 ntqal:

"wiehed jinnota li taht l-Artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta il-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".

L-azzjoni attrici bbazata fuq is-subinciz (1) (d) biex tirnexxi trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga

Fil-kawza fl-ismijiet "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 intqal illi sabiex dan id-difett jirrizulta jinhtieg li " fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakulta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita'affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju, ghalhekk mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet sbaljati-in fatti decizjoni jew ghazla sbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' giudizzju. Anqas ma jfisser li ghax jkun hemm element ta' indecizjoni jew dubbju dwar ghazla tal-istat tal-hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' giudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm **l-inkapacita' psikika( mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali" (e
mfasi ta' din il-Qorti).**

Fil-kawza fl-ismijiet "**Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' mejju 2003 ntqal:

"Il-persuna li tkun tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici injoranza. B'dan l-artikolu, il-Legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-*discretio judici* huwa kuncett guridiku ntrinsikament **marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.** Il-gurisprudenza taghna ssegwi din l-interpretazzjoni- ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimattiva tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'hinhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami, il-partijiet zzewgu ghax kienu jinhabbu u kienu perfettament konxji mid-drittijiet u r-responsabiltajiet li igib maghha il-hajja mizzewga. Saret referenza ghac-cirkostanza partikolari tal-Visa tal-konvenuta u li l-attur ddikjara li ma setax jibqa' jzomm lil konvenuta hawn Malta jekk ma jizzewgux. Izda ma irrizultax li dan kien zwieg ta' konvenjenza. L-konvenuta zzewget lill-attur mhux ghax riedet permess ghax-xoghol f'Malta kif donnu qed jimplika l-attur.

Fil-fehma tal-Qorti meta l-partijiet iddecidew li jizzewgu kienu ben konsapevoli tad-decizzjonjoni li qed jiehdu u c-cirkosanzi partikolari tal-konvenuta ma jistax jinghad li nnewtralizzaw ix-xelta libera u hielsa li ghamlu l-partijiet li jizzewgu lil xuldin. Kif gie spjegat supra, sabiex jirrizulta li kunsens ghaz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jehtieg provi li kien hemm cirkostanzi li jimpedixxu lil dak li jkun mill-fakolta mentali li jiehu decizzjoni valida li jidhol ghaz-zwieg. Fil-fehma tal-Qorti l-attur ma ppruvax sodisfacentement illi l-istat mentali tal-konvenuta kien tali li l-kunsens taghha kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Ghalhekk il-Qorti qed issib li l-azzjoni attrici msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 ma hiex fondata.

Fir-rigward tat-talba attrici msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) l-attur xhed illi "qabel iz-zwieg ahna qatt ma konna tkellimna dwar jekk rridux tfal jew le". Xhed illi meta zzewgu l-konvenuta riedet mill-ewwel li jkollhom it-tfal. Skond l-attur huwa qalilha li ahjar ma jkollhomx tfal mill-ewwel peress li kienu ghadhom zghar u anke ghaliex il-konvenuta ma kienet ghadha sabet l-ebda impieg u l-piz finanzjarju kien kollu fuqu. L-attur ghalhekk qalilha li fil-fehma tieghu ghandhom jistennew sentejn qabel ikollhom it-tfal. Din ir-risposta tal-attur gabet fil-konvenuta kambjament kbir.

L-inkwit bejniethom inqala wara iz-zwieg, billi ma qablux meta kienu ser jippruvaw ikollhom it-tfal, jekk hux mill-ewwel, kif riedet hi, jew wara xi sentejn,

kif ried hu. Fil-fehma tal-Qorti pero' dan ma jwassalx awtomatikament ghall-annullament taz-zwieg izda semmai ghal seprazzjoni personali peress li l-kunsens tal-partijiet ma jirrizultax li kien vizzjat fit-termini tal-ligi. Aktar u aktar meta ex admissis il-partijiet ma ddiskutewx is-suggett tat-tfal qabel ma zzewgu.

L-aspettativa tal-ulied ta' mara u ragel li jizzewgu hija aspettativa legittima anke jekk qabel ma jkunu zzewgu ma jkunux iddiskutew is-suggett tal-ulied. Il-fatt li l-attur xtaq li l-partijiet jistennew ftit qabel ma jippruvaw ghal ulied ma jirrendiex iz-zwieg null. Naturalment kienet tkun haga hafna ahjar kieku l-partijiet iddiskutew dan is-suggett qabel ma zzewgu u mhux wara.

Kienet tkun storja kompletament diversa kieku l-attur iddecieda qabel iz-zwieg li ma jkollux tfal matul iz-zwieg izda heba tali decizzjoni mill-konvenuta. Tali agir kien jammonta ghal qerq li jivvizja l-kunsens. Izda c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz juru illi fil-mument taz-zwieg hadd mill-partijiet ma kien qed jeskludi la z-zwieg innifsu u lanqas xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib li l-azzjoni attrici msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 ma hiex fondata.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**